18 ta' Novembru, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Joseph Galea et. *versus* Nutar Dr. Antonio Galea, LL.D.

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Benefiċċju tal-"foro" — Kompetenza — Art. 771 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Fil-każ ta' fond li jinsab f'Għawdex, u li l-inkwilin tiegħu joqgħod Malta, u dan jiġi azzjonat quddiem il-Board tal-Kera ta' Għawdex mill-lokatur li jrid jieħu taħt idejh dak il-fond, huwa kompetenti li jieħu konjizzjoni tal-kawża l-Board tal-Kera ta' Malta, jekk kien hemm il-ftehim espress illi l-kera ta' dak il-fond kellu jitħallas f'Malta. U dan avvolja l-fond jinsab f'Għawdex.*

*Għaldaqstant dak l-inkwilin hekk azzjonat għandu d-dritt jiddeklina t-tribunal Għawdxi.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza mogħtija mill-Board li Jirregola l-Kera għal Għawdex fil-5 ta' Mejju, 1955, fejn jinsabu riepilogati t-talba tar-rikorrenti, l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati, u l-attijiet kollha tal-kawża sa dik il-ġurnata;

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-27 ta' Ġunju, 1955, li biha ġiet revokata s-sentenza tal-Board tal-5 ta' Mejju, 1955, u li ddikjarat li ma hemm xejn ta' ostakolu li l-Board jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-intimat, u rrimettiet il-proċess lill-Board għall-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tiegħu;

Rat is-sentenza l-oħra tal-Board tat-23 ta' Awissu, 1955, li biha ċaħad l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-

intimat, u ddikjara ruħu kompetenti li jieħu konjizzjoni tal-kawża, l-ispejjeż riservati għall-ġudizzju finali, u ddifferixxa s-smiegħ tar-rikors "sine die" sakemm dina d-deċiżjoni tilħaq tgħaddi in ġudikat, riappuntabbli fuq talba ta' kull wieħed mill-interessati; wara li kkunsidra;

Illi l-intimat eċċepixxa l-inkompetenza ta' dan il-Board, billi tant l-intimat kemm is-sid preċedenti ta' dan il-fond, li minn għandu kien sar il-kera, kienu u għadhom jirrisjedu Malta, u bi ftehim bejniethom il-ħlas tal-kera kellu jsir Malta;

Mill-provi mismugħa rriżulta li l-intimat, li kien u għadu residenti Malta, fl-1936 kien kera l-fond in kwistjoni mingħand Teresa Theuma u żewġha, li anki huma kienu jirrisjedu Malta, u ftehmu bejniethom espressament li l-ħlas tal-kera kellu jsir Malta, kif fil-fatt sar, b'eċċezzjoni ta' xi sentejn jew tlieta matul il-gwerra, meta l-partijiet kienu evakwati Għawdex;

Skond l-art. 742 (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura, l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tista' tingħata, fost każi oħra, meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem Qorti partikulari. Skond l-art. 768 ta' l-istess Kodiċi, dan il-benefiċċju hu mogħti lill-persuni li joqogħodu fil-Gżira ta' Malta rigward il-Qorti ta' din il-Gżira, u lil dawk li joqgħodu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-Qrati ta' dawk il-Gżejjer. Minn dawn id-dispożizzjonijiet inħoloq id-dritt ta' kull persuna li tiġi mħarrka quddiem il-Qorti tal-Gżira fejn tinsab toqgħod. Però l-istess Kodiċi tal-Proċedura jkompli jistabbilixxi ċerti każi li fihom dan il-privileġġ ma jkunx jista' jiġi mitlub u milqugħ. Hekk, l-art. 771 jistabbilixxi li dan il-benefiċċju jispiċċa fil-każ li l-kawża tkun dwar obligazzjoni li skond il-ftehim kellha tiġi eżegwita fi Gżira partikulari. Hekk, meta l-kawża tkun tivverti fuq obligazzjoni li skond il-ftehim kellha tiġi eżegwita f'Għawdex, il-konvenut, għalkemm ikun residenti Malta, ma jistax jissolleva din l-eċċezzjoni, u l-kawża jeħtieġ li tiġi deċiża quddiem il-Qrati ta' Għawdex (ara f'dan is-sens Kollez. XXVIII-III-1114; Vol. XXIX-III-35; Vol. XXX-I-1004; Vol. XXXI-I-722);

Issa, l-intimat qiegħed jippretendi li f'dan il-każ il-kawża tivverti dwar *obligazzjoni li kellha ssir Malta*, peress li skond il-ftehim bejnu u bejn sid il-kera l-ħlas tal-kera kellu jsir Malta. Però l-intimat qiegħed jinsa li f'dan il-każ si tratta ta' lokazzjoni magħmula lill-intimat ta' fond li jinsab Għawdex. Għalhekk hu ċar li n-negozju ġuridiku, fil-parti preponderanti tiegħu, kellu jiġi eżegwit f'Għawdex. Id-dgawdija tal-fond ma setgħetx issir ħlief f'Għawdex. L-obligazzjonijiet kollha tas-sid taħt l-art. 1628 Kap. 23, u l-obligu tal-kerrej li jinqeda bil-ħaġa mikrija bħala missier tajjeb tal-*familja, kellhom eżekuzzjoni f'Għawdex. Il-konsenja tal-*fond — konsegwenza tar-ripreża tiegħu mis-sid — ma tistax issir ħlief Għawdex, fejn jinsab il-fond. Meritu ta' dan ir-rikors hija r-ripreża tal-fond; issa, din il-ħaġa ma tistax issir ħlief fejn jinsab il-fond, jiġifieri Għawdex; u għalhekk l-intimat ma jistax jgħid li l-kawża tivverti dwar obligazzjoni li kellha tiġi eżegwita Malta;

F'dan is-sens iddeċediet il-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina fid-19 ta' Novembru, 1954, in re "John Borg vs. Salvatore Bonnici". *U huwa ta' min jirrileva li* anki f'dak il-każ il-ħlas tal-kera kellu jsir Malta in forza ta' l-art. 1202(4) Kap. 23, għalkemm f'dak il-każ ma kienx hemm ftehim espress fejn kellu jsir il-ħlas tal-kera;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Nutar Dr. Antonio Galea, fol. 39, li bih talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li tiġi akkolta l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ratione fori" sollevata mill-appellant, li talab li jiġi liberat "ab observantia"; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ma hemmx kuntrast bejn il-kontendenti li kien hemm ftehim espress bejn l-appellant u s-sidien preċedenti, Teresa Theuma u żewġha, li l-ħlas tal-kera kellu jsir Malta;

Issa, il-kompetenza hi regolata, b'liġi, in dipendenza tal-Gżira partikulari li fiha, skond il-ftehim, kellha tiġi eżegwita l-obligazzjoni li fuqha tverti l-kawża (art. 771 Kap. 15 Ediz. Riv.);

L-Ewwel Qorti mxiet fuq l-iskorta tad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fil-kawża "Borg vs. Bonnici" deċiża fid-19 ta' Novembru, 1954. Però, fil-kawża ċitata ma kienx hemm il-ftehim espress li l-ħlas tal-kera kellu jsir f'Malta. Dan ġie deżunt mill-art. 1202(4) Kap. 23. F'dik il-kawża, għalhekk, ma kien hemm ebda "ftehim espress" dwar il-post fejn kellha tiġi eżegwita l-obbligazzjoni; u għalhekk il-Qorti dehrilha li ċ-ċirkustanza tal-ftehim taċitu, jew indott mill-liġi, dwar li l-kera kellu jitħallas f'Malta, ma kienetx biżżejjed biex tegħleb il-kumpless ta' l-obbligazzjonijiet l-oħra, li bi ftehim ugwalment taċitu jew indott mill-liġi kellhom isiru f'Għawdex; vwoldiri, il-kuntrast kien bejn obbligazzjoni waħda "taċitament indotta mill-liġi" u l-kumplament ta' l-obbligazzjonijiet l-oħra "ukoll taċiti";

Fil-każ preżenti, però, kien hemm il-ftehim "espress" li l-kera kellu jitħallas f'Malta. Issa, ġa ladarba kien hemm il-ftehim espress, mhux aktar il-każ ta' konfront bejn obbligazzjonijiet taċiti, kif kien il-każ fil-kawża fuq ċitata, għax il-ftehim espress iġib senz'altro sottopożizzjoni għall-Qrati ta' Malta u elezzjoni ta' dawk il-Qrati (ara deċiżjoni Prim'Awla "Desain vs. Rapa", 19 ta' Frar, 1862, Vol. II, p. 102, fejn si trattava ta' domanda għad-dikjarazzjoni ta' dekadenza ta' l-enfitewti (residenti f'Għawdex) mill-enfitewsi. u għad-devoluzzjoni favur il-padrun dirett ta' territorju f'Għawdex, u fejn kien hemm il-ftehim espress li l-ħlas taċ-ċens kellu jsir f'Malta);

Konsegwentement il-konvenut kien ġustifikat li jiddeklina t-Tribunal Għawdxi;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell ta' l-intimat, tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ratione fori", u tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi.